MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 289/2011

**Il-Pulizija
Vs
Mario Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli meta b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni whada, nhar it-23 ta’ Marzu, 2011 u fix-xhur ta’ qabel, meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex taghti access lil Dorianne Scicluna ghal uliedhom, irrifjuta li jaghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Gunju, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 338(II) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant illiberatu bil-

kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Gunju, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull akkuza u piena jew sussidjarjament, tvarja s-sentenza appellata billi tnaqqas il-piena applikata kontrih tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari ta' dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti :-
1. Illi l-elementi rikjesti mill-ligi ma jesistux fattwalment u legalment.
2. Illi in linea preliminari ma tissustixxix il-figura guridika ta' reat kontinwat fil-kaz odjern. Jinsab pruvat mix-xhieda prodotti li martu qatt ma resqet ghall-access ghal uliedha tul id-9 xhur qabel ma ddecidiedt li tressaq rapport fil-31 ta' Marzu, 2011 (li anke dan ir-rapport hu backdated peress li ma jirrisultax li kien hemm ebda rapport fil-gurnata tat-23 ta' Marzu 2011 mill-parte civile dwar nuqqas ta' access). Ghalhekk jirrizulta li l-parte civile ma pprevalietx ruhha minn dan id-dritt f'dawk ix-xhur intervenjenti. Mhuwiex accettabbli ghalhekk li persuna titressaq fuq akkuza li fis-sustanza taghha hija wahda ta' reat kontinwat u retroattiva ghal bosta xhur, tenut kont l-inattivita` tal-parti allegatament leza u nuqqas ta' interess taghha. Dan hu guridikament abbuziv minhabba l-element ta' sorpriza li tinvolvi ghall-akkuzat. L-ordni tal-Qorti ghalkemm vigenti testwalment, fil-prattika kienet qed tigi injorata mill-istess parte civile li astjeniet ghal xhur shah milli titfacca ghall-access. Fic-cirkostanzi, jigi sottomess bir-rispett, lanqas hu necessarju ghall-appellant li jipprova li ha t-tfal ghall-access fil-"meeting point" ghaliex l-ordni, fil-prassi, kienet saret "dead letter" bl-applikazzjoni mill-istess persuna li kellha l-interess li

tenforzaha. F’dawn ic-cirkostanzi, ma jistax jissussisti l-element internzjonali ta’ reat kontinwat peress li ma jirrizultax mill-provi li kien hemm a) ksur tad-Digriet b) bl-istess risoluzzjoni. Jekk id-Digriet kien qed jinkser mill-parte civile, l-appellant ma jistax jinsab hati f’dawn ic-cirkostanzi ta’ ksur tad-digriet!

3. Illi izda l-appellant ukoll gab provi cari li kien baqa` jiehu t-tfal fil-granet u hinijiet tal-access fil-“meeting point” miftehma. Mix-xhieda tal-appellant, kif ukoll tal-Pulizija li esibew ir-rapporti li ghamel l-istess Mario Scicluna, u ta’ Anthony u Erminia Caruana, il-genituri ta’ Dorianne Scicluna, u ta’ Grace Scicluna, omm l-appellant, giet korroborata l-verzjoni tal-appellant u cioe` li kien imur bit-tfal fil-gnien tas-Siggiewi u jistenna lill-martu tigi ghat-tfal ghal nofs siegha. Hi qatt ma kienet titfaccja. Eventwalment it-tfal kienu jispiccaw imorru man-nanniet materni li kienu esprimew ix-xewqa li jarawhom. PS 487 esebixxa sensiela ta’ rapporti li ghamel Mario Scicluna li juru li martu qatt ma ressqet ghall-access. Hemm rapport ukoll ghad-data tal-23 ta’ Marzu 2011 li izda bi zvisto l-istess PS ma esibiex u l-esponent ghalhekk qed iressaq talba biex ix-xhud jesebixxi dan ir-rapport.

4. Illi l-verzjoni tal-appellant hija imsahha wkoll bil-fatt li ma gew esibiti ebda rapporti da parti ta’ Dorianne Scicluna dwar xi allegat nuqqas ta’ ghotja tal-access hlief dak tal-31 ta’ Marzu 2011. Li kieku kellha interess kienet tressaq rapporti a tempo vergine li dan ma ghamlitux.

5. Illi ghar-ragunijiet premessi l-esponent jissottometti bir-rispett li hu m’ghandhux jinsab hati tal-akkuzi dedotti kontrih ghar-ragunijiet fuq premessi.

6. Illi sussidjarjament u ghall-istess ragunijiet, il-piena li giet applikata kienet eccessiva fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. L-appellant hu membru tal-Korp tal-Pulizija u jista` jghaddi minn proceduri dixxiplinari minhabba s-sentenza moghtija.

Ikkunsidrat:

Illi b’digriet 526/08 mahrug mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja, gie regolat l-access tat-tfal bejn il-konjugi Dorianne Scicluna u Mario Scicluna, w wara li z-zwieg ta’ dawn ta’ l-ahhar sfaxxa u marru fi triqat separati. Jidher

pero li minkejja id-digriet, ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet baqet sejra ghal ghar, b'cirkostanzi ta' inkejja fejn parti iggib it-tfal ghal visiti stabbiliti u l-parti l-ohra, minghajr preavviz, tibqa' ma tidhirx. Iz-zewg partijiet iwahhlu f'xulxin ghal din is-sitwazzjoni kaotika li zvolgiet fejn it-tfal spiccaw pedina jigru min-naha ghal ohra minghajr ordni jew stabbilita sabiex parti jkollha s-sodisfazzjon li tkun inkejjiet il-parti l-ohra. Dorianne Scicluna, il-parti civili xhedet illi originarjament kienet tigbor lit-tfal mill-bandli tas-Siggiewi. Pero sforz il-battibekki illi kien ikun bejna u bejn zewgha, it-tfal spiccat tigborhom mill-ghassa tal-Pulizija. Anke hemm hekk l-inkwiet bejniethom ma waqafx. U kien hemm diversi drabi meta marret ghat-tfal u ma hadithomx. Dan ghaliex zewgha kien jibqa' l-ghassa bid-dahqa fuq wiccu meta jara li t-tfal ma jkunux iridu imorru maghha.

Fit-23 ta' Marzu, 2011 baghtet messagg lil l-appellant li kienet sejra ghat-tfal fil-hinijiet assenjati lilha. Marret, habtet il-bieb tar-residenza ta' zewgha izda ma fetahx u hawn hekk marret taghmel rapport l-ghassa. Is-Surgent li ha r-rapport taghha qallilha li kien kellem lil zewgha u dan qallu li kellu arrangament, illi meta l-parti civili Dorianne Scicluna ma tigix ghat-tfal kien johodhom ghand il-genituri taghha il-Qrendi. Minn naha l-ohra, l-appellant jghid li kemm 'il darba nizzel lit-tfal il-bandli tas-Siggiewi u martu Dorianne Scicluna ma tfattatx u kull darba li jsir dan kien jaghmel rapport l-ghassa. Fl-ahhar kien wasal f'arrangament mal-genituri ta' martu illi meta ma titfaccax jiehu t-tfal ghandhom. Dejjem ghaddej bl-istess rutina. Jiehu t-tfal sabiex martu tarahom, ma tigix, jaghmel ir-rapport u jiehu t-tfal ghand il-genituri taghha il-Qrendi. Qal li ghamel fuq hamsin rapport.

Missier Dorianne, Anthony Caruana, xhed li kien ilhom ix-xhur ma jaraw lit-tfal u bintu Dorianne kienet tghidlu li t-tfal ma kienux iridu jigu. Darba cempel Mario Scicluna, l-appellant u staqsihom jekk kienux lesti li jaraw lit-tfal. Anthony Caruana irrisponda li jridu jaraw lit-tfal u ftehmu li meta ma tigix martu biex tigbor lit-tfal kif miftihem mill-bandli tas-Siggiewi, allura f'dak il-kaz, il-genituri taghha setghu jigu ghat-tfal u jmorru maghhom il-Qrendi. B'hekk sar dan l-arrangament sabiex il-genituri ta' Dorianne jaraw it-tfal taghha. Anthony Caruana ma jkellimx lil binthu

minhabba il-gideb taghha. L-istess xehdet omma, Emilia Caruana fejn bdiet biex tghid li t-tfal kienet ilha ma tarahom xi ghaxar xhur u binthom kienet tghid li t-tfal ma kienux iridu jmorru. Darba minnhom meta gew lura mis-safar cemplu lit-tifla l-kbira u kellmuha u hemm hekk indunaw li ma kienx minnu li t-tfal ma ridux jaraw lin-nanniet. Darba minnhom cempel l-appellant u staqsa lil Emilia Caruana jekk riditx tara lit-tfal. U ftehmu li meta ma tigix Dorianne setghu jarawhom in-nanniet. Illum it-tfal qed jarawhom, imorru l-bandli, jistennew u meta ma tigix Dorianne johduhom huma. Grace Scicluna, omm Mario tghid illi Dorianne kienet ilha minn Lulju ta' l-2010 u x-xhur ta' wara, ma tigi tara lit-tfal u baqghu sejrin hekk sa l-ahhar tas-sena 2010. Grace Scicluna kienet tlesti lit-tfal biex tohodhom Dorianne u din ta' l-ahhar ma titfaccax. Qatt ma cahdu lit-tfal lil Dorianne. Kienet hi li ma tigix.
Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi, jidher ovvju li minkejja d-digriet moghti fl-2008, mil-inqas ghal sentejn shah, dan id-digriet ma kienx qed jigi osservat mill-partijiet. U kien hemm zmien ukoll meta Dorianne Scicluna ma kinetx tigbor lit-tfal kif ikun stabbilit bl-istess digriet. Dan kienet qeghdha tattribwieh ghal-inkejja tar-ragel, il-kummenti tieghu u l-kummiedji li kienu jsiru kull darba li tiltaqa' mieghu. Tant li kienet kostretta illi tigbor lit-tfal mill-ghassa tal-Pulizija. Imma anke hemm l-incidenti ma waqfux, tant li mhux l-ewwel darba illi minkejja illi tara t-tfal ma tkunx tista' tohodhom maghha. Naturalment l-appellant ma jsemmi xejn dwar il-provokazzjonijiet tieghu u presumibilment fuq parir legali, kull darba li martu ma tigix biex tara t-tfal jew titlaq minghajrhom, jaghmel rapport lil Pulizija biex b'hekk ikollu aktar munizzjon biex jitma' l-kilba ta' l-ghira u lanzit illi hemm bejniethom.
Jidher pero illi il-parir tas-social worker, Denise Portelli, fir-rapport taghha, ipprezentat fil-15 ta' Dicembru, 2008 waqa' fuq widnejn torox. B'ittri kbar, is-social worker ammoniet lill-partijiet meta qaltilhom 'it-tfal m'ghandhomx ikunu esposti ghal-argumenti ta' bejnietkom.' Minn dak iz-zmien 'l hawn dawn il-povra tfal baqghu jigu hekk esposti u uzati bhala pedina biex parti tinki lil l-ohra. Huwa inutli illi l-appellant jghid illi wasal f'arrangament mal-genituri ta' martu illi meta ma tigix martu johodhom ghand il-genituri. Hija xi haga sabiha illi n-nanniet ikunu esposti ghat-

trobbija tan-nepputijiet peress illi dan huwa parti integratli mit-trobbija ghat-tfal pero mhux a skapitu tal-genituri. Jista’ jghati l-kaz li l-parti civili, ghal zmien twil, minhabba raguni jew ohra ma kinetx qed tara t-tfal pero il-hinijiet stabbiliti  bid-digriet tal-Qorti tal-Familja kellhom jigu osservati kull darba li parti taghmel rikors ghalihom.

Fit-23 ta’ Marzu 2011 kien imiss lil parti Civili li tara t-tfal u baghtet messagg lil zewgha li kienet gejja.  Kienet il-gurnata taghha u l-hinijiet taghha,  izda l-appellant minn rajh iddecieda illi jaghmel arrangamenti godda u minflok, jibghat it-tfal ghand in-nanniet.  Skond l-istess appellant, dan kien jigri kull darba li martu titfacca biex tara t-tfal. Din id-darba pero, fit-23 ta’ Marzu martu tfaccat ghad-dritt taghha skond id-digriet tal-Qorti.  Mela allura skond l-istess argument ta’ l-appellant ma kellux ghalfejn jiehu t-tfal ghand in-nanniet ghax dan kien javvera biss meta l-parti civili ma kinetx titfacca biex tara t-tfal.  Din is-sitwazzjoni m’avveratx ruhha fit-23 ta’ Marzu, 2011 u l-appellant ma kellu l-ebda dritt jassumi illi ghax kien jaghmel xi haga fil-passat seta’ jibqa jaghmel l-istess haga u jinjora ghal kollox id-digrieti tal-Qorti tal-Familja.  Jekk l-appellant jidirlu illi dawn id-digrieti ghandhom jigu varjati allura f’dan il-kaz ghandu jadixxi lil l-istess Qorti u jitlob varjazzjoni tad-digriet, ta’ l-access.  Izda m’ghandu l-ebda dritt illi minn rajh jaqbad u jiehu inizjattivi illi ma jkunx awtorizzat bihom qabel.

Din il-Qorti terga’ taghmel l-istess appell tas-social worker, lill-partijiet ghandhom ipoggu rashom fuq ghonqhom, jaraw id-differenzi ta’ bejnithom u zgur li m’ghandhomx taht l-ebda cirkostanzi izeffnu t-tfal fin-nofs.  Il-partijiet huma adulti, responsabbli ghal interessi taghhom u jista’ jkollhom kwistjonijiet kemm iridu u jmorru l-Qorti kemm iridu izda m’ghandhom qatt juzaw it-tfal bhala pedina biex iweggghu parti jew ohra.  Dan huwa sinjal ta’ irresponsabbilta kbira li jwassal il-Qorti ghal konkluzzjoni illi kull ma jimpurtahom il-partijiet, huma l-interessi personali taghhom u mhux dawk ta’ uliedhom.  Jibqa’ l-fatt illi fid-data indikata fic-citazzjoni, l-appellant kien gie avzat minn qabel illi martu kienet ser tigi tara t-tfal skond id-digriet.

Madankollu injora din it-talba u d-dritt ta’ l-access gie negat lil parti civili.  Ghal hekk din il-Qorti thoss, illi fl-

isfond ta’ dawn il-provi u cirkostanzi, l-ewwel Qorti kellha ragun sabiex issib htija u kienet legalment korretta. Ghalhekk mhux il-kaz li s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------